MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 125/2015

**Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel I.D. 159751M**

**Johanna Spiteri Maempel I.D. 638353M**

**Nicola mart Dr. Marcus Pace I.D. 326356M**

***kontra***

**Ir-Registratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fil-<u>11 ta` Frar 2015</u> li jaqra hekk –

*Illi r-rikorrenti kienu azzjonisti tas-socjeta` Coastline Developments Ltd (C596).*

*Illi l-imsemmija socjeta` giet "struck off" minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet fis-17 ta` Ottubru 2013 – Dokument A.*

*Illi ghadhom ma ghaddewx hames (5) snin minn meta s-socjeta` thassret minn fuq ir-Registru – Artikolu 325(4) tal-Kap 386.*

*Illi s-socjeta` kienet propjetarja tal-beni mmobbli elenkati fl-anness Dokument B.*

*Illi r-rikorrenti ghandhom kull interess illi s-socjeta` terga` titpogga fuq ir-Registru tas-Socjetajiet peress illi qatt ma kienet l-intenzjoni taghhom illi s-socjeta` tigi kkancellata.*

*Illi jekk is-socjeta` ma tergax titpogga fuq ir-Registru tas-Socjetajiet ir-rikorrenti fil-vesti taghhom ta` "beneficial owners" sejrin jigu mcahhda mill-imsemmija propjeta` u t-tgawdija taghha.*

*Illi fl-umili opinjoni tar-rikorrenti jezistu l-elementi kollha kontemplati bl-artikolu 325(4) tal-Kap 386 sabiex is-socjeta` terga` tigi mqeghda fuq ir-Registru tas-Socjetajiet.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett kollu illi dina l-Qorti tordna illi s-socjeta` Coastline Developments Ltd terga` titqieghed fuq ir-Registru tas-socjetajiet salv kull provvediment illi joghgobha taghti.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fil-21 ta` April 2015 li taqra hekk –

*Illi in kwantu ghall-merti fattwali peress illi l-esponent mhuwiex edott mill-fatti kollha kif dikjarati mir-rikorrenti huwa jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju tal-Qorti.*

*Illi l-kumpannija Coastline Developments Ltd (C596) kienet giet registrata fid-9 ta` Lulju 1966.*

*Illi fid-29 ta` Dicembru 1997 il-kumpannija kienet xjolta volontarjament u sussegwentement gew ipprezentati lir-Registratur tal-Kumpanniji l-formoli appositi sabiex, fost ohrajn, jinhatar stralcjarju sabiex jiehu hsieb il-process ta` stralc li suppost kellu jwassal ghall-kancellament ta` l-isem tal-kumpannija in kwistjoni.*

*Illi ta` min jinnota illi skond l-Artikolu 322 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji jekk meta kumpannija tkun qed tigi stralcjata volontarjament jew bil-qorti u l-istralc ma jkunx intemm tnax-il xahar wara x-xoljiment tal-kumpannija, l-istralcjarju ghandu zmien tletin jum mit-tmiem ta` l-imsemmija tnax-il xahar u wara intervalli ta` sitt xhur–il wiehed sakemm jintemm l-istralc jibghat lir-Registratur dikjarazzjoni dwar il-provvedimenti u l-qaghda tal-istralc li tibda fid-data li fihja l-istralcjarju kien l-ewwel mahtur u li tinghalaq sat-tmiem taz-zmien li dwaru ghandha ssir id-dikjarazzjoni.*

*Illi s-subartikolu (2) ta` l-Artikolu 322 ighid ukoll illi jekk l-istralcjarju jonqos li jhares dawn id-disposizzjonijiet dan jista` jehel penali u ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas penali ohra.*

*Illi fid-19 ta` Dicembru 1999 u fit-28 ta` Jannar 2000, l-istralcjarju ta` Coastline Developments Ltd (C596) ipprezenta lir-Registratur rendikont tal-procediment ta` stralc. Madanakollu sussegwentement l-istralcjarju in kwistjoni naqas ghal diversi snin milli jibghat id-dikjarazzjoni mehtiega mill-imsemmi Artikolu 322 u ghalhekk gie suggett ghal penali skond il-ligi. Barra minn hekk l-Artikolu 325(3) jipprovdi illi fil-kaz illi r-Registratur jkollu bizzejjed ragunijiet sabiex jipprezumi li stralcjarju ta` kumpannija li tkun giet stralcjata ma jkunx qed fil-fatt jagixxi fir-rigward tal-istralc tal-kumpannija, u jkun naqasmilli*

*jibghat prospetti li huma mehtiega li jsiru mill-istralcjarju kif hawn imsemmi, ir-Registratur jista` jipprocedi biex jippubblika fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq website mizmuma mir-Registratur kif ukoll f`gazzetta lokali li tohrog ta` kuljum u li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta avviz li f`gheluq tliet xhur mill-pubblikazzjoni ta` l-imsemmi avviz l-istralc tal-kumpannija ghandu, kemm –il darba ma tintweriex raguni biex isir il-kuntrarju, jitqies li gie mitmum u konsegwentement li l-isem tal-kumpannija jithassar minn fuq ir-registru.*

*Illi l-ligi tkompli billi tirrikjedi li r-Registratur ghandu jiehu hsieb jibghat bil-posta kopja tal-imsemmi avviz lill-kumpannija fl-ufficcju registrat taghha kif ukoll lill-istralcjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz tieghu l-ahhar maghruf. Malli jaghlaq l-imsemmi zmien ta` tliet xhur, kemm –il darba ma tintweriex raguni fiz-zmien msemmi biex isir il-kuntrarju, l-istralc ghandu jitqies komplut u r-Registratur ghandu jhassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru u kull attiv li jista` jkun hemm ighaddi f`idejn il-Gvern ta` Malta.*

*Fil-kaz odjern, ir-Registratur fit-3 ta` Lulju 2013 baghat l-imsemmija ittri lid-diretturi tal-kumpannija fl-ahhar indirizz taghhom skond ir-records tar-Registru u skond ir-Registru Elettorali ta` Malta u lill-istralcjarju Silvio Muscat fl-ufficcju tieghu flimkien ma` kopja tal-avviz. Tali avviz kien sar fil-hdax ta` Lulju 2013 u billi hadd ma wera interess illi l-istralc jibqa` miftuh fiz-zmien ta` tliet xhur ir-Registratur ippubblika avviz iehor bid-data tas-17 ta` Ottubru 2013 fejn innotifika li b`effett mill-10 ta` Ottubru 2013 l-isem tal-kumpannija Coastline Developments Ltd (C596) kien gie mhassar minn fuq ir-registru tal-kumpanniji.*

*Illi l-ligi fis-subartikolu (4) tipprovdi wkoll l-opportunita lil membru, kreditur tal-kumpannija jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem, tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-registru dina l-Onorabbli Qorti fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviz tat-thassir fuq msemmija, tista` jekk tkun sodisfatta li*

*jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fuq ir-reegistru, dina l-Onorabbli Qorti tista` taghti ordni b`dak l-effett sabiex il-kumpannija u l-persuni l-ohra jigu f`posizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar.*

*Illi f`dawn ic-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz ir-Registratur qieghed jopponi illi l-istralc tal-kumpannija jerga` jinfetah. Dan billi l-kumpannija u l-ufficjali taghha kellhom zgur bizzejjed zmien biex joggezzjonaw ghat-thassir ta` l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-registru kemm qabel kif ukoll wara l-korrispondenza kollha mibghuta u wara li l-pubblikazzjonijiet kollha li saru skond il-ligi fit-terminu stabbilit.*

*Illi madanakollu u bla pregudizzju ghas-suespost billi r-rikorrenti qeghdin jallegaw illi l-kumpannija in kwistjoni ghada sal-gurnata tal-lum b`titoli u propjeta` immobbli registrata f`isimha bhala kumpannija, jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq illi tilqa` t-talba kif maghmula mir-rikorrenti, ir-Registratur umilment jissolleva illi fis-sentenza dina l-Onorabbli Qorti ghandha taghti dawk id-direzzjonijiet u dawk il-provvedimenti li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi specifici tal-kaz, partikolarment dawk illi r-rikorrenti jew l-istralcjarju jhallsu l-ammonti ta` penali dovuti lir-Registratur skond il-ligi.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbali tal-udjenzi tad-9 ta` April 2015 u tas-16 ta` Gunju 2015.

Rat in partikolari illi fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2015 inghad hekk *inter alia* –

*Dr Claudette Fenech ghall-intimat tiddikjara illi fil-mori tad-differiment tal-kawza, ir-rikorrenti ottemperaw ruhhom bis-shih ma` dak kollu li kien qed jirrikjedi minnhom ir-Registratur tal-Kumpanniji. Ghalhekk ir-Registratur m`ghandu l-ebda oggezzjoni li l-isem tal-kumpannija Coastline Developments Limited jerga` jitpogga fir-Registru skond dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jidhrilha opportun li timponi. Tkompli tinsisti pero` illi r-Registratur m`ghandu jbati ebda spejjez ta` dan il-procediment.*

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Dan il-kaz ghandu fattispeci partikolari. Dan tal-lum huwa kaz ta` kumpannija li kienet xjolta volontarjament mill-azzjonisti, kien appuntat stralcjarju li pero` ttraskura ghal kollox l-obbligi tieghu skond il-ligi tant li wassal lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jiehu azzjoni skond l-Art 325 tal-Kap 386. Ghax l-istralcjarju ma rrispettax it-termini stabbiliti mil-ligi gieghel lir-Registratur li jiehu passi skond il-ligi li gabu l-konsegwenza li ghax l-istralcjarju baqa` nadempjenti l-ewwel skattat il-presunzjoni li l-istralc kien mitmum u wara kien hemm it-thassir tal-isem tal-kumpannija mir-Registru. Il-fatti hekk kif esposti fid-dettall mir-Registratur fir-risposta guramentata tieghu bl-ebda mod ma huma kontradetti mir-rikorrenti.

Dan premess, il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti mexxew il-procedura tal-lum skond l-Art 325(4) tal-Kap 386. Jirrizulta li r-rikorrenti huma l-azzjonisti tal-kumpannija de qua u allura *membri* taghha. Ghandhom ghalhekk *locus standi* jipprocedu ; dan pero` mhux biss ghaliex huma *membri* izda u kif ukoll ghaliex jikkwalifikaw bhala *persuni aggravati* billi minhabba l-agir spregudikat tal-

istralcjarju sabu ruhhom bl-isem tal-kumpanniji mhassar mir-Registru, u allura minghajr access ghall-beni tas-socjeta` li kellhom jitqassmu bejniethom, u bir-riskju illi kieku ma hadux passi fit-terminu perentorju ta` hames snin hekk kif stabbilit mil-ligi, kull ma kellha l-kumpannija kien imur favur il-Gvern ta` Malta.

Fl-ghoti tal-provvediment tal-lum, din il-Qorti sejra tqis illi sa mill-ewwel appuntament tal-kawza u cioe` l-udjenza tad-9 ta` April 2015 ir-rikorrenti permezz tad-difensur taghhom urew disponibilita` li jirregolaw ruhhom. Fil-fatt u minkejja l-inadempjenzi tal-istralcjarju r-rikorrenti ffinalizzaw l-pendenzi kollha mar-Registratur tal-Kumpanniji **qabel** l-udjenza tas-16 ta` Gunju 2015. Ippruvata b`mod tangibbli d-disponibilita` tar-rikorrenti, ir-Registratur tal-Kumpanniji ma baqax jopponi li l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.

Din il-Qorti trid tghid illi l-Art 325 tal-Kap 386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji f`dawk is-sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li kumpannija jew waqfet ghal kollox min-negozju taghha jew jekk tkun xjolta ma jkollu l-ebda feedback dwar l-istralc – lanqas fil-minimu rikjest mil-ligi. Minn dak li rrizulta b`mod komplessiv fil-kawza tal-lum, din il-Qorti ma ssib propju xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat – anke ghaliex kull ma stqarr ir-rapprezentant tar-Registratur bil-gurament ma kienx kontradett mir-rikorrenti. Huwa evidenti illi dak li wassal ghat-thassir tal-isem tal-kumpannija de qua mir-Registru kien dovut ghan-nuqqas tal-azzjonisti (li m`gharfux isegwu kif kellhom jaghmlu x`kien qed isir mill-istralcjarju li hatru huma stess) u/jew ghall-istralcjarju nnifsu (ghar-ragunijiet diga` spjegati).

Tajjeb osservaw iz-zewg partijiet illi s-subinciz (4) tal-Art 325 tal-Kap 386 huwa dak rilevanti biex jirregola s-sitwazzjoni li tipprezenta ruhha fil-kawza tal-lum.

Is-subinciz (4) jaqra hekk –

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir … tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir- Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

Fil-kaz tal-lum, mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti hadu azzjoni fit-terminu stabbilit mil-ligi. Din il-Qorti qieset il-fatti u c-cirkostanzi ta` l-kaz, partikolarment dak illi xpruna lir-rikorrenti sabiex jiehdu azzjoni, u tghid illi kollox meqjus, hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru. Hija hekk sodisfatta anke ghaliex kif kien rilevat fl-udjenza tas-16 ta` Gunju 2015 il-posizzjoni llum giet regolarizzata, u kull dritt jew penali dovuti lir-Registratur kien saldat tant illi l-intimat mhuwiex kontra li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

**Fl-istess waqt il-Qorti trid taghmilha mill-aktar car lir-rikorrenti li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru b`ebda mod ma ghandu jfisser li bhal donnu l-Qorti tat xi *carte blanche* lill-azzjonisti u/jew lill-istralcjarju biex kull ma sarx tajjeb u skond il-ligi qabel sar it-thassir tal-isem issa jista` jigi ripetut. Propju xejn minn dan. Ladarba l-kumpannija hija xjolta, *there is no turning***

***back.*** **Ghalhekk il-Qorti trid illi l-istralc ikompli minn fejn thalla bhal qasba tixxejjer mar-rih u jintemm fit-terminu li sejra tipprefigi. Il-Qorti**

**trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, l-istralc tal-kumpannija jidhol lura fil-binarji tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkun kostrett jagixxi minhabba l-inadempjenzi tal-persuni kollha interessati, inkluz ir-rikorrenti.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti kif gej –**

**1) Tordna li l-isem Coastline Developments Ltd li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C596 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Coastline Developments Ltd li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C596 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun konsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Coastline Developments Ltd li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru**

**ta` Registrazzjoni C596 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Coastline Developments Ltd (C596) rega` dahal fir-registru.**

**4) Tordna illi b`effett mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern, jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur tal-Kumpanniji, u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Coastline Developments Ltd (C596) rega` dahal fir-registru, l-istralcjarju Silvio Muscat ghandu jerga` jassumi l-funzjonijiet, is-setghat u l-obbligi kollha ta` stralcjarju tal-kumpannija Coastline Developments Ltd (C596).**

**5) Tordna lir-rikorrenti u/jew lill-istralcjarju Silvio Muscat sabiex jassikuraw illi l-istralc tal-kumpannija Coastline Developments Ltd (C596) jinghalaq ghal kollox sa zmien perentorju ta` sitt xhur mil-lum.**

**6) Tordna lill-intimat Registratur tal-Kumpanniji sabiex b`effett mis-16 ta` Dicembru 2015, ihassar b`mod definittiv l-isem tal-kumpannija Coastline Developments Ltd (C596) mir-Registru tal-Kumpanniji.**

**7) Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, u kwalsiasi spejjez ohra li jkunu talvolta mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Coastline Developments Limited (C596) jerga` jidhol fir-Registru.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------